

Brussell, 22 ta' April 2026
(OR. en)

8482/26

ENER 199
ENV 402
COMPET 475
TRANS 244
CONSOM 131
IND 278
ECOFIN 518
FISC 144

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 22 ta' April 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2026) 370 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI
AccelerateEU - Unjoni tal-Enerġija
Enerġija Affordabbli u Sigura permezz ta' Azzjoni Aċċellerata

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 370 final.

Mehmuż: COM(2026) 370 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.4.2026
COM(2026) 370 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

AccelerateEU - Unjoni tal-Enerġija

Enerġija Affordabbli u Sigura permezz ta' Azzjoni Aċċellerata

1 INTRODUZZJONI

Għat-tieni darba f'inqas minn 5 snin qed nergġu naraw b'mod ċar il-perikli tad-**dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili**. Aktar minn nofs (57 %¹) l-enerġija kkunsmata fl-Ewropa ġejja minn fjuwils fossili importati. Dan joħloq vulnerabbiltà li ġġorr magħha spiża. Fl-2025, l-UE importat madwar EUR 340 biljun ta' fjuwils fossili². Minn mindu beda l-kunflitt fil-Lvant Nofsani f'Marzu 2026 u ngħalaq l-Istrett ta' Hormuz, infaqna EUR 24 biljun addizzjonali fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili³. Barra minn hekk, l-effetti possibbli fuq it-tkabbir tal-PDG u l-inflazzjoni⁴ huma sinifikanti. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani għadha volatili u mhuwiex ċar kemm se ddum, iżda ħaġa waħda hija ċerta: l-impatti tagħha se jibqgħu jinħassu għal mill-inqas diversi xhur u se jestendu ferm lil hinn mis-settur tal-enerġija, b'impatti ekonomiċi, fuq l-impjiegi u fuq is-soċjetà.

Iż-żieda fil-prezzijiet hija l-konsegwenza immedjata tal-kunflitt. Ma hemm l-ebda theddida immedjata għas-sigurtà tal-provvista, għalkemm il-ħażniet ta' xi fjuwils huma relattivament baxxi. L-UE tinsab fil-proċess li tnaqqas is-sehem tal-fjuwils fossili fil-produzzjoni tal-elettriku, iżda l-gass u ż-żejt għadhom jiddominaw fit-tisħin, fl-industrija u fit-trasport u huma input ewlieni għall-ktajjen tal-valur industrijali (eż. is-sustanzi kimiċi, il-plastik u l-fertilizzanti). Dan jesponi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji Ewropej, b'mod partikolari lill-SMEs u lill-industriji intensivi fl-enerġija, u lill-ħaddiema tagħhom għal żidiet fil-prezzijiet globali. Is-sitwazzjoni attwali titlob **miżuri f'waqthom, immirati u temporanji** biex jiġu protetti l-aktar konsumaturi vulnerabbli, biex tiġi aċċellerata l-bidla tagħna lejn it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-eletrifikazzjoni u biex tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-industrija Ewropea.

Matul dawn l-aħħar snin, l-UE aċċellerat bil-kbir it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn sistema effiċjenti, flessibbli u interkonnessa li hija msejsa fuq sorsi ta' **enerġija prodotta lokalment, nadifa u abbondanti**. Ħafna Stati Membri diġà qed jaħsdu l-benefiċċji ta' progress rapidu fit-tranżizzjoni tal-enerġija, u dan juri li dan l-għan jista' jintlaħaq u jitwasslu benefiċċji ċari għan-nies u għan-negozji. Pereżempju, l-Istati Membri li għandhom sehem għoli ta' enerġija nadifa (b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija nukleari) fit-taħlita tal-elettriku tagħhom, flimkien ma' sistema tal-elettriku flessibbli li tgħodd b'kapaċità u bi ħżin suffiċjenti tal-grilja, ġeneralment ikollhom prezzijiet tal-elettriku taħt il-medja tal-UE u bħalissa jinsabu inqas affettwati mill-kriżi tal-enerġija li għaddejjja.

Din hija tfakkira importanti tal-ħtieġa li jiġu **aċċellerati l-eletrifikazzjoni, l-introduzzjoni ta' produzzjoni addizzjonali tal-enerġija domestika u nadifa u t-tranżizzjoni tal-enerġija**. L-għażliet li nagħmlu illum jiddeterminaw jekk aħniex se niffaċċjaw il-kriżi li jmiss minn pożizzjoni vulnerabbli jew b'saħħitna. It-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija nadifa, abbondanti, prodotta lokalment, sigura, reżiljenti għall-ilma u affordabbli qatt ma kienet biss

¹ [L-Eurostat](#), 2024.

² [L-Eurostat](#).

³ L-ewwel 52 jum. Tqabbil ma' qabel ma bdiet il-kriżi tal-Lvant Nofsani bis-suppożizzjoni li l-UE tibqa' timporta l-istess volumi. Qabel il-kriżi, l-UE kienet tħallas madwar EUR 51 biljun matul l-istess perjodu ta' żmien minflok EUR 75 biljun. Il-kalkolu tal-Kummissjoni huwa msejjes fuq data minn Bloomberg, Kpler, LSEG / Refinitiv.

⁴ L-enerġija hija xprunatur primarju tal-volatilità fl-inflazzjoni globali, li tagħxi kemm permezz ta' impatti diretti (il-fjuwil, l-elettriku) kif ukoll permezz ta' effetti indiretti (il-kostijiet tal-produzzjoni u tat-trasport).

neċessità klimatika u ambjentali — hija wkoll imperattiv soċjoekonomiku, għall-kompetittività u għas-sigurtà. Dawn l-għanijiet ta' politika jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin b'mod reċiproku u jistgħu jinkisbu billi jsir użu sħiħ mit-teknoloġiji nodfa disponibbli kollha filwaqt li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika. Huwa għalhekk li l-miżuri ta' għajnuna fuq terminu qasir ma jridux inaqqsu — iżda għall-kuntrarju, jirduppjaw — l-għanijiet aktar fit-tul li tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija domestika u nadifa, li tinkiseb sistema tal-enerġija dekarbonizzata u reżiljenti tal-UE u li tissaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura Ewropea biex jiġi evitat li jinħolqu dipendenzi strateġiċi ġodda.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet hemm il-ħtieġa ta' impenn qawwi, **koordinazzjoni intensifikata** u aktar investment, iżda l-benefiċċji tal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jegħlbu b'mod ċar il-kostijiet tagħha. Kull dewmien fl-investment fit-tranżizzjoni tal-enerġija jgħib miegħu r-riskju ta' kostijiet oġhla għas-soċjetà.

Il-kriżi attwali għandha dimensjoni globali qawwija ħafna. Sabiex ittaffi l-impatt tat-tensjoni fuq is-swieq globali, l-UE tista' tibbaża fuq il-piż sinifikanti tagħha bħala xerrej u fuq il-valur tas-suq uniku tagħha, sors ta' **saħħa u solidarjetà** speċjalment fi żminijiet ta' kriżi.

Dan il-pjan huwa parti waħda mir-**rispons dinamiku tal-Kummissjoni**, li se jevolvi hekk kif tiżviluppa s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni se żżomm dawn il-miżuri taħt rieżami mill-qrib u se tqis miżuri ulterjuri jekk is-sitwazzjoni tiddeterjora. Dan jikkonsisti f'ħames oqsma ewlenin ta' azzjoni li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri biex jipprovdu u jidderieġu l-għajnuna fuq terminu qasir lill-konsumaturi, speċjalment lil dawk l-aktar milquta immedjatament. Dan jistabbilixxi wkoll modi biex isir progress aktar mgħaġġel bil-għan li tinkiseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti fuq terminu medju u twil:

- koordinazzjoni akbar bejn l-Istati Membri u mas-sħab internazzjonali;
- l-appoġġ lill-Istati Membri biex jiproteġu lill-konsumaturi, inkluża l-industrija, minn xokkijiet fil-prezzijiet, u fl-istess ħin jgħinuhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija;
- l-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn enerġija nadifa prodotta lokalment u l-elettrifikazzjoni;
- it-tisħiħ tas-sistema tal-enerġija tagħna; u
- l-ixprunar tal-investment billi jiġi mmobilizzat kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat għat-tranżizzjoni tal-enerġija.

2 AZZJONI IMMEDJATA BIEX JIĠU PRODOTTI BENEFIĊĊJI RAPIDI

2.1 Il-benefiċċji ta' koordinazzjoni akbar tal-UE

Il-koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE wriet benefiċċji ċari. L-azzjonijiet konġunti skont il-pjan REPowerEU wara l-aggressjoni fl-Ukrajna kellhom rwol ċentrali biex l-UE tkun tista' tnaqqas id-domanda tagħha għall-gass bi 18 % (bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023)⁵, filwaqt li jtaffu l-pressjonijiet immedjati u jappoġġaw l-istabbiltà aktar fit-tul. Il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE⁶ għenet biex jiġu aggregati 90 biljun metru kubu tad-domanda Ewropea għall-gass. Din

⁵ Eurostat, meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi.

⁶ Permezz tal-mekkaniżmu [AggregateEU](#) stabbilit bejn l-2023 u l-2025.

għaqqdet lix-xerrejja industrijali tal-UE ma' fornituri internazzjonali — b'77 biljun metru kubu mqabbla.

L-ewwel oqsma għal koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE jinkludu **l-mili tal-ħżin tal-gass** u l-użu ta' flessibiltajiet fir-regoli dwar il-mili, **ir-rilaxxi tal-ħażniet taż-żejt, il-miżuri nazzjonali ta' emerġenza** u **l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-fjuwil tal-ġettijiet u tad-diżil**, inkluż permezz **tal-ottimizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tar-raffineriji taż-żejt**.

In-nuqqas ta' fjuwil tal-ġettijiet jista' jkollu impatt sinifikanti fuq it-trasport bl-ajru, bħall-kanċellazzjonijiet tat-titjiriet, speċjalment fid-dawl tal-istaġun tas-sajf impenjattiv fl-avjazzjoni. Minħabba li t-trasport bl-ajru jopera bejn il-fruntieri nazzjonali, dan jirrikjedi koordinazzjoni Ewropea biex jiġi ppreservat il-funzjonament effettiv tas-suq uniku u tiġi żgurata provvista kontinwa madwar l-UE. Għandha titqies l-esplorazzjoni ta' provvisti alternattivi u ta' tipi ta' fjuwils importati⁷.

Iż-żieda fil-prezzijiet tad-diżil u fil-kostijiet tal-fjuwil tal-bastimenti qed jgħollu n-nollijiet u poġġew lill-operaturi tat-trasport bit-triq, lis-settur tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll lis-sajd u lill-agrikoltura, taħt pressjoni qawwija.

Id-disponibbiltà u l-kapaċità operazzjonali tas-settur tar-raffinar taż-żejt tal-Ewropa jridu jiġu massimizzati biex jissodisfaw id-domanda attwali, speċjalment għall-fjuwils tal-ġettijiet, peress li madwar 40 % tal-konsum tagħna tal-fjuwil tal-ġettijiet huwa importat u madwar nofs dawn l-importazzjonijiet jgħaddu mill-Istrett ta' Hormuz⁸. Il-kapaċitajiet tar-raffinar huma ġeografikament ikkonċentrati f'xi reġjuni fl-UE⁹ u l-provvisti alternattivi ta' prodotti taż-żejt raffinat huma limitati, u dan jagħmel il-monitoraġġ ikkoordinat u l-azzjoni kollettiva potenzjali meħtieġa biex jiġi massimizzat l-output eżistenti tar-raffineriji Ewropej, inkluż permezz tar-rilaxx ikkoordinat u f'waqtu tal-ħażniet ta' emerġenza.

Il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet hija wkoll kruċjali għat-tiżbiħ tal-infrastruttura tal-fjuwil militari, b'mod partikolari għall-importazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-provvisti tal-fjuwil tal-ġettijiet.

Fl-aħħar nett, l-azzjoni esterna tal-UE lejn it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili globalment¹⁰ tista' tkompli tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-UE għax-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija, trawwem is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija tal-UE u tippromwovi l-kompetittività tat-teknoloġija nadifa tal-Ewropa. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija b'mod partikolari se jappoġġaw ir-reżiljenza tas-swieq tal-enerġija interkonnessi tagħna¹¹.

⁷ Bħal Jet A.

⁸ Il-kalkolu tal-Kummissjoni msejjes fuq data minn Kpler u Eurostat.

⁹ Erba' ċentri reġjonali ewlenin: Il-Majjistral tal-Ewropa, in-Nordiċi-Baltiċi, il-Mediterran u l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

¹⁰ Inkluż, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Global Gateway, l-inizjattiva trans-Mediterranja dwar l-enerġija u t-teknoloġija nadifa.

¹¹ Il-Komunità tal-Enerġija tista' tieħu sehem ukoll fil-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar iż-Żejt u tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass permezz tas-Segretarjat tagħha u, fejn rilevanti soġġett għall-punti speċifiċi ta' diskussjoni, permezz tal-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Il-pjattaforma tal-UE dwar l-Enerġija u l-Materja Prima tibqa' miftuħa għall-kumpaniji mill-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija.

Fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq ir-relazzjonijiet esterni tal-UE, l-azzjonijiet proposti f'din Komunikazzjoni se jitwettqu f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

Azzjoni immedjata mill-Kummissjoni biex tiżied il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE:

- [Minn April 2026 'il quddiem] **Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-azzjoni nazzjonali dwar il-mili tal-ħżin tal-gass** (eż. billi timmonitorja u tikkoordina mill-qrib mal-Istati Membri ż-żmien tax-xiri mill-atturi tas-suq biex jiġu evitati żidiet qawwija fil-prezzijiet minħabba żieda fix-xiri simultanju) **u dwar ir-rilaxxi possibbli tal-ħażniet taż-żejt**, inkluż tal-fjuwil tal-ġettijiet u tad-diżil (li għalihom il-Kummissjoni se tipprovdi analiżijiet tax-xenarju u se tikkoordina t-twaqqit u l-volumi għal kull reġjun u għall-UE). Dan se jsir fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass u fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar iż-Żejt, rispettivament.
- [Minn April 2026 'il quddiem] **l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-flessibbiltà fil-mili tal-ħżin tal-gass (sa 10 %).** **Il-Kummissjoni tinsab lesta li tivvaluta żieda ulterjuri tal-limitu ta' devjazzjoni permess (sa 5 % addizzjonali)** skont ir-Regolament aġġornat tal-UE dwar il-ħżin tal-Gass.
- [Minn April 2026 'il quddiem] **Il-Kummissjoni se tiffaċilita s-sensibilizzazzjoni kkoordinata tal-UE għall-fornituri taż-żejt u tal-gass u għall-pajjiżi sħab** bi profili simili tal-importazzjoni tal-enerġija biex ittejjeb il-funzjonament u t-trasparenza tas-swieq globali tal-enerġija, inkluż billi **timmobilizza bis-sħiħ il-pjattaforma tal-UE dwar l-Enerġija u l-Materja Prima**¹² biex tinvolvi ruħha mal-industrija. Il-Kummissjoni se tfitteż li żied il-kooperazzjoni internazzjonali biex iżżid il-provvista minn pajjiżi terzi u permezz tan-network tal-UE ta' ftehimiet kummerċjali.
- [Mejju 2026] **Il-Kummissjoni se timmappja l-kapaċitajiet tar-raffinar eżistenti fl-Ewropa, se tivvaluta l-ħtiġijiet u se taħdem fuq miżuri** biex tiżgura l-użu sħiħ ta' kapaċità tar-raffinar domestiku suffiċjenti għall-provvisti reżiljenti tal-ispettru kollu tal-prodotti taż-żejt matul din il-kriżi, kif ukoll biex iżżid il-produzzjoni domestika tal-UE ta' bijofjuwils sostenibbli.
- [Minn Mejju 2026 'il quddiem] **Il-Kummissjoni se toħloq Osservatorju tal-Fjuwils, li jimmapja l-provvista ta' fjuwils rilevanti tat-trasport (prodotti fl-UE, importati u esportati) u l-ħażniet disponibbli fl-UE** inkluż, sa fejn l-informazzjoni tkun disponibbli għall-Kummissjoni, il-ħażniet tal-fjuwil militari u l-kapaċitajiet tar-raffinar. Bħala prijorità inizjali, il-Kummissjoni se tikkoordina mal-Istati Membri, mal-fornituri tal-fjuwil u mas-settur tal-avjazzjoni (l-ajruporti u l-linji tal-ajru) **dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-fjuwil tal-ġettijiet alternattiv** u se tipproponi miżuri **biex tottimizza d-distribuzzjoni tiegħu** fost l-Istati Membri biex tiżgura d-disponibbiltà fir-reġjuni u fl-ajruporti kollha. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa ta' rieżami tar-regoli tal-UE dwar il-ħażniet strateġiċi biex tinkludi rekwiżiti speċifiċi għall-fjuwil tal-ġettijiet.
- [Minn Mejju 2026 'il quddiem] **Il-Kummissjoni se toħroġ gwida li tiċċara l-flessibbiltajiet eżistenti fil-qafas leġiżlattiv tal-UE għall-avjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli** dwar is-slots tal-ajruporti, l-antitankering, l-obbligi tas-servizz pubbliku u l-użu ta' fjuwils importati oħra, **biex tindirizza l-konsegwenzi ta' nuqqas potenzjali ta' fjuwil fuq l-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru**, filwaqt li tiżgura li l-funzjonament xieraq tas-suq uniku jiġi ppreservat u l-konnettività essenzjali bl-ajru tiġi żgurata. **Jekk is-sitwazzjoni tmur għall-aġar u l-flessibbiltajiet eżistenti ma jibqgħux biżżejjed, il-Kummissjoni se tipproponi bidliet temporanji fil-qafas leġiżlattiv applikabbli tal-UE, fejn ġustifikat.**

¹² https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-security/eu-energy-and-raw-materials-platform_en?prefLang=mt.

- [2026] *Il-Kummissjoni se tibda l-proċess biex tirrevedi d-Direttiva dwar il-Ħażniet taż-Żejt biex tindirizza d-dgħufijiet identifikati fil-kriżi attwali u tqis, fost l-oħrajn, jekk humiex meħtieġa rekwiżiti speċifiċi tal-ħażniet għal prodotti differenti taż-żejt.*

2.2 Il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-industrija minn xokkijiet fil-prezzijiet

L-unitajiet domestiċi u l-industrija qed jistennew miżuri mill-Istati Membri u mill-UE li jipproteġuhom minn żidiet kbar mhux mistennija fil-prezzijiet. Il-baġits tal-unitajiet domestiċi qed isiru aktar stretti hekk kif iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija tnaqqas l-introjtu disponibbli tan-nies. Dan diġà huwa viżibbli llum meta n-nies jimlew il-karozzi tagħhom bil-fjuwil¹³. Barra minn hekk, peress li madwar żewġ terzi tal-gass naturali kkunsmat fl-UE jintuża fil-bini u fl-industrija, iż-żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-gass se jirriżultaw ukoll fi sfidi għal ħafna konsumaturi ladarba dawn iż-żidiet fil-prezzijiet jiġu riflessi fil-kontijiet tal-enerġija tagħhom u, eventwalment, f'partijiet oħra tal-ekonomija bħall-prezzijiet tal-ikel. Bħalissa, ħafna unitajiet domestiċi xorta jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratti tal-gass u tal-elettriku li kkonkludew qabel il-bidu tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani. Dan jista' jinbidel meta jiskadu l-kuntratti għall-provvista individwali tagħhom. Il-konsumaturi kollha f'sitwazzjoni vulnerabbli huma partikolarment esposti għal dan ir-riskju.

Peress li l-pressjoni persistenti u rikorrenti fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili u l-prezzijiet tal-enerġija għadha volatili, huwa meħtieġ **appoġġ immedjat, iżda dan irid ikun immirat, f'waqtu u temporanju**, u marbut ma' soluzzjonijiet fit-tul (ara l-eżempji fl-Anness II). Tali appoġġ għandu jippreserva l-inċentivi biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u jkun konsistenti mal-impenji tal-Istati Membri skont il-qafas fiskali tal-UE.

Il-qafas leġiżlattiv tal-UE u l-inizjattivi ta' politika tal-Kummissjoni, inkluż il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini¹⁴, diġà jipprovdu firxa ta' miżuri disponibbli għall-Istati Membri li jistgħu jqisu biex iwasslu għajna immedjata lill-konsumaturi. Pereżempju, dawn jinkludu skemi mmirati ta' appoġġ għall-introjtu; vawċers tal-enerġija bħal dawk għas-sostituzzjoni tal-bojlers tal-gass; tariffi soċjali; tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u għall-industriji intensivi fl-enerġija; tnaqqis tal-VAT għall-installazzjoni ta' pompi tas-sħana, sistemi solari fotovoltajċi u batteriji fuq skala żgħira relatati; inċentivi fiskali li jappoġġaw il-bidla għal vetturi elettriċi; inċentivar u ffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fil-komunitajiet tal-enerġija u fl-awtoproduzzjoni tal-enerġija; u thegħiġ tal-konsumaturi biex iqabblu u jibdli l-fornituri jew il-kuntratti tal-enerġija tagħhom. Barra minn hekk, biex jappoġġaw lill-konsumaturi vulnerabbli, l-Istati Membri diġà jistgħu jintroduċu, skont il-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-UE, projbizzjonijiet temporanji jew sħaħ fuq l-iskonnessjoni mill-provvista tal-enerġija. Il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u tat-trasport hija wkoll prijorità għall-Istrateġija Kontra l-Faqar li jmiss.

¹³ Bħala medja, l-Ewropej bħalissa jħallu madwar EUR 1,8–2,2 għal kull litru għall-petrol u EUR 2,0–2,4 għad-diżil, meta mqabbla ma' medja ta' EUR 1,5–1,6 għal kull litru għall-petrol fl-2025 u EUR 1,6–1,8 għal kull litru għad-diżil fl-2025. [Weekly Oil Bulletin](#) tal-Kummissjoni Ewropea.

¹⁴ [Il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini](#) (COM/2026/115).

Inċentivi finanzjarji mmirati bħal krediti tat-taxxa mmirati, deprezzament aċċellerat¹⁵ jew skemi ta' leasing soċjali jistgħu jappoġġaw ukoll l-investiment u jżidu r-rata tal-varar ta' teknoloġiji nodfa filwaqt li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura Ewropea. Fosthom hemm setturi bħall-vetturi elettriċi, il-pompi tas-sħana residenzjali jew industrijali, il-pannelli solari jew is-sistemi għall-ħżin tal-batteriji.

L-iffrankar tal-enerġija u s-sostituzzjoni tal-konsum taż-żejt u tal-gass b'enerġija nadifa prodotta lokalment urew li huma effiċjenti fl-indirizzar tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili importati¹⁶. Fuq terminu qasir, l-Istati Membri jistgħu jiksbu benefiċċji sinifikanti f'diversi setturi billi jikkombinaw azzjoni dwar l-elettrifikazzjoni, it-titjib fl-effiċjenza u l-varar aċċellerat ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa, inkluż pereżempju soluzzjonijiet innovattivi sostenibbli b'bażi bijoloġika (ara l-eżempji fl-Anness II). Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) kienet ukoll għodda ewlenija biex jinkiseb livell oġhla ta' sigurtà u ta' indipendenza tal-enerġija, peress li mingħajr l-ETS, l-Ewropa issa tikkonsma 100 bcm aktar ta' gass, u b'hekk dan jagħmilna aktar vulnerabbli.

Fl-unitajiet domestiċi u fil-bini, l-appoġġ għal adattamenti li jwasslu għal impatt rapidu, bħat-titjib tal-iżolament, is-sostituzzjoni tat-twieqi jew is-sostituzzjoni ta' apparat ineffiċjenti, jista' **jwassal għal iffrankar immedjat u fit-tul** tal-enerġija u tnaqqis fil-kostijiet. Is-sostituzzjoni tal-bojlers tal-gass u taż-żejt b'pompi tas-sħana tista' tnaqqas bin-nofs il-konsum finali tal-enerġija fil-bini u tnaqqas il-kontijiet tal-enerġija maż-żmien.¹⁷ Żieda annwali fir-rata tal-pompi tas-sħana varati minn madwar 2,4 miljun unità llum għal madwar 4 miljun unità sal-2030 mhux biss tgħin lill-konsumaturi iżda tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fil-progress biex inaqqsu l-użu medju tal-enerġija primarja tal-ħażna tal-bini residenzjali b'mill-inqas 16 % sal-2030¹⁸. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Faċilità tal-Frontloading tal-ETS2 tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jaċċelleraw il-varar ta' miżuri ta' dekarbonizzazzjoni fis-setturi tal-akkomodazzjoni u tal-mobbiltà, b'mod partikolari għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi u ta' SMEs b'introġtu baxx u medju.

Peress li l-biċċa l-kbira tal-konsum taż-żejt huwa fis-settur tat-trasport, l-azzjonijiet tal-Istati Membri għandhom jiġu kkoordinati u mmirati lejn iż-żamma tal-flussi tal-merkanzija u tal-konnettività għall-passiġġieri, filwaqt li tiġi promossa l-bidla lejn l-elettromobbiltà u soluzzjonijiet oħra ta' mobbiltà nadifa fil-modi kollha bħala perkors strutturali biex titnaqqas id-dipendenza tagħna fuq iż-żejt fit-trasport. Dawn jistgħu jinkludu inċentivi għall-konsumaturi biex jakkwistaw vetturi elettriċi (eż. jibdlu l-flotot korporattivi għal soluzzjonijiet tat-trasport nadif¹⁹, bħal vetturi elettriċi heavy-duty jew laneċ elettriċi tal-passiġġieri), jew il-forniment ta' provvista tal-enerġija fuq l-art fil-portijiet. Għan-negozji — speċjalment in-

¹⁵ F'konformità mal-[konklużjonijiet tal-Kunsill](#) tal-10 ta' Ottubru 2025 dwar inċentivi fiskali biex jiġu appoġġati teknoloġiji u industria nodfa.

¹⁶ L-aħħar data disponibbli turi li l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-UE diġà qed isaħħu r-reżiljenza enerġetika tal-Unjoni. Sa tmiem l-2023, l-iffrankar annwali tal-enerġija miksub permezz tal-fondi tal-UE ammonta għal 81,9 TWh; sors [COM\(2026\) 118 final](#), paġna 17. Ara wkoll il-proġett [Odyssey](#) għal informazzjoni ulterjuri.

¹⁷ Il-kalkoli tal-Kummissjoni.

¹⁸ Meta mqabbel mal-2020. [Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija](#) (UE) 2024/1275 ("EPBD")

¹⁹ Proposta tal-Kummissjoni għal [Regolament dwar vetturi korporattivi nodfa](#) (COM(2025) 994 final)

negozji żgħar, ta' daqs medju u intensivi fl-enerġija — mekkaniżmi ta' appoġġ immirati jistgħu jinkludu skemi ta' finanzjament, vawċers jew mudelli ta' leasing biex jistimulaw l-investment fl-effiċjenza enerġetika u fit-teknoloġiji nodfa.

L-Istati Membri jistgħu jqisu li jużaw l-allokkazzjonijiet tagħhom mill-Fond Soċjali għall-Klima biex jiffinanzjaw tali miżuri għal gruppi vulnerabbli, inkluż kemm fis-settur tat-trasport kif ukoll f'dak tal-bini.

Għat-trasport bl-ajru u fuq l-ilma u għas-sajd, it-tranżizzjoni mibdija lejn fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) u fjuwils marittimi sostenibbli (SMF)²⁰ għandha tiġi aċċellerata, appoġġata mill-implimentazzjoni rapida ta' inċentivi għall-produzzjoni u għall-użu tagħhom fl-UE²¹. Għal setturi oħra, bħall-agrikoltura, is-sajd u l-loġistika tal-mobbiltà, aktar aċċess għal bijofjuwils sostenibbli għal vetturi eżistenti b'magna tal-kombustjoni jista' jiżgura li dawn ikomplu jikkontribwixxu mingħajr interruzzjoni għall-katina tal-provvista, b'mod partikolari għall-ikel.

Azzjoni immedjata mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-industrija:

- [Mejju 2026] *Fil-laqgħa informali li jmiss tal-Ministri għall-Enerġija tal-UE f'Ċipru fit-13 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni se tippreżenta katalgu ta' miżuri replikabbli biex jiġi prodott iffrankar tal-enerġija u titjib fl-effiċjenza tas-sistema, kif ukoll miżuri biex il-fjuwils fossili jiġu sostitwiti b'enerġija nadifa prodotta lokalment, li l-Istati Membri jistgħu jvaraw b'mod rapidu biex inaqqsu l-konsum taż-żejt u tal-gass fuq terminu qasir. Il-katalgu se jkun imsejjes fuq valutazzjoni tal-aktar miżuri effiċjenti meħuda mill-2022 u se jinkludi eżempji ta' azzjoni konkreta implimentata b'suċċess fil-prattika b'potenzjal ta' replikazzjoni fuq skala kbira madwar l-UE, u l-impatti tagħhom.*
- [Minn April 2026 'il quddiem] *Il-Kummissjoni se tistabbilixxi repożitorju diġitali biex tiġbor u tikkondividi informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar il-miżuri nazzjonali ta' emerġenza tal-Istati Membri, tgħin fil-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien u tiffaċilita l-kondiviżjoni u l-promozzjoni ta' prattiki tajbin.*
- [April 2026] *Il-Kummissjoni se tadotta qafas temporanju għall-għajnuna mill-Istat li jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet biex l-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri temporanji ta' emerġenza mmirati biex jappoġġaw uħud mis-setturi ekonomiċi l-aktar esposti għal żidiet qawwija fil-prezzijiet.*
- [Minn April 2026 'il quddiem] *Il-Kummissjoni se ttipprovdi assistenza kontinwa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri mmirati, f'waqthom u temporanji (inkluż intervent fil-prezzijiet, skemi ta' appoġġ għall-introjtu u inċentivi fiskali), immirati biex jappoġġaw b'mod partikolari lill-SMEs, lill-industriji intensivi fl-enerġija u lill-unitajiet domestiċi filwaqt li jippreservaw l-inċentiv għall-iffrankar tal-enerġija u jħeġġu t-tnaqqis tal-fjuwils fossili. L-Istati Membri għandhom jipprovdu valutazzjoni tal-impatti mistennija rispettivi, inkluż il-kost fiskali tagħhom u jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq uniku. Il-Kummissjoni se ttipprovdi prinċipji gwida u se tiffaċilita l-iżvilupp ta' mudelli f'dan ir-rigward. L-Istati Membri jistgħu jieħdu wkoll miżuri dwar it-tassazzjoni ta' profitti mhux mistennija biex jiżguraw l-ekwità soċjali; il-Kummissjoni se*

Ir-Regolamenti²⁰ [ReFuelEU Aviation](#) u [FuelEU Maritime](#).

²¹ [Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli](#) (STIP)

tirrispetta d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri u se tassisti u tipprovdi l-aħjar prattiki dwar il-miżuri nazzjonali kif ukoll se tivvaluta l-impatt tagħhom fuq is-suq uniku. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa lil kwalunkwe Stat Membru li, fuq terminu qasir, jeħtieġ li japplika rati tat-taxxa fuq l-enerġija taħt il-livelli minimi attwali tal-UE, filwaqt li jevita li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili u jaggrava l-iżbilanċi fil-provvista u fid-domanda.

- [April 2026] Il-Kummissjoni se tkompli **tiffaċilita l-implimentazzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni u tal-protezzjoni tal-konsumatur** madwar l-Istati Membri **permezz ta' gwida** dwar il-protezzjoni tal-klijenti vulnerabbli mill-iskonnessjonijiet, it-tħaffif u s-simplifikazzjoni tal-bdil tal-fornituri tal-enerġija u tal-kuntratti tal-enerġija, il-parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija u fl-awtokonsum, it-titjib tal-ġestjoni tar-riskju tal-fornituri u dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi matul it-tranżizzjoni tal-enerġija.
- [Minn Mejju 2026 'il quddiem] Il-Kummissjoni se **tippromwovi u se tgħin fl-iżvilupp**, inkluż permezz tal-Kunsill għall-Investment fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija u l-Koalizzjoni għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika, **ta' skemi ta' leasing soċjali għal teknoloġiji nodfa u effiċjenti li l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw** biex jappoġġaw l-adozzjoni rapida ta', eż. vetturi elettriċi, pompi tas-sħana residenzjali u batteriji fuq skala żgħira²². Il-Kummissjoni tinsab lesta li **tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' inċentivi finanzjarji**, bħal krediti tat-taxxa mmirati, għall-varar rapidu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa bħall-vetturi elettriċi, il-pompi tas-sħana industrijali u domestiċi, il-batteriji ta' wara l-miter u l-ħżin termali industrijali, filwaqt li tiżgura l-konformità mal-impenji skont ir-regoli fiskali.
- [April 2026] Il-Kummissjoni skattat il-mekkaniżmu ta' appoġġ għall-kriżijiet previst skont il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura²³ li jippermetti lill-Istati Membri jikkompensaw lill-operatori fis-settur tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar għal żieda fil-kostijiet operatorji u fl-introjt mitluf li jirriżultaw direttament mis-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

3 AZZJONI IMMEDIJATA BIEX JIĠU PRODOTTI BENEFIĊĊJI DEJJIEMA

3.1 L-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn enerġija nadifa prodotta lokalment u l-elettrifikazzjoni

Billi jieħdu azzjoni immedjata biex jiġġeneraw riżultati b'saħħithom fuq terminu medju, l-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu volumi sinifikanti ta' żejt u gass billi **jaċċelleraw il-bidla lejn enerġija nadifa, prodotta lokalment u abbondanti**, inkluż permezz tal-elettrifikazzjoni, il-varar ta' enerġiji solari termali u ġeotermali kif ukoll ta' enerġija rinnovabbli oħra, nukleari, bijometan, bijofjuwils sostenibbli u idroġenu.

Pereżempju, il-kapaċità tal-elettriku rinnovabbli varata fis-sena għandha tiżdied għal 100 GW/sena²⁴, inkluż permezz ta' proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli fuq skala kbira u ta'

²² L-ikkomplementar ta' mudelli oħra ta' inċentivi bħal għotjiet, garanziji, self jew mudelli tal-enerġija bħala servizz, li jintużaw b'mod aktar frekwenti għal teknoloġiji bħal batteriji fuq skala żgħira u pompi tas-sħana.

²³[Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani](#) mit-28 ta' Frar 2026 bħala l-okkorrenza ta' avveniment eċċezzjonali li jikkawża tfixkil sinifikanti fis-swieq

²⁴F'konformità mal-[Patt għal Industrija Nadifa](#) (COM(2025) 85 final). Din ir-rata tal-varar tal-kapaċità rinnovabbli tirreferi għall-kapaċità tal-kurrent dirett, ekwivalenti għal madwar 85 GW fil-kapaċità tal-kurrent alternat użata fil-prattika standard tar-rapportar statistiku.

varar aċċellerat tal-enerġija solari²⁵, li jistgħu jagħtu riżultati rapidi²⁶. Biex din il-kapaċità tinkiseb b'pass mgħaġġel, huwa għalhekk kritiku li jiġu ssimplifikati r-reġimi nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE²⁷. Lil hinn mill-isforzi ta' traspożizzjoni, l-implimentazzjoni tal-frontloading tista' tagħti riżultati konkreti. Sa tmiem l-2026, it-tul tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għandu jonqos madwar l-Ewropa għal massimu ta' sentejn²⁸ u kull Stat Membru għandu jisfrutta l-potenzjal taż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli billi jstabbilixxi mill-inqas waħda.

Xprunatur ewlieni ieħor huwa li jiġu massimizzati l-assi eżistenti tal-enerġija rinnovabbli. Ir-repowering u l-aġġornament rapidi tal-parks eoliċi inklużi l-parks eoliċi lil hinn mill-kosta, appoġġati minn reġimi għall-ħruġ tal-permessi simplifikati ddedikati għar-repowering, u l-modernizzazzjoni ta' impjanti rinnovabbli oħra bħall-impjanti idroelettriċi, jistgħu jipprovdu malajr għajna addizzjonali tant meħtieġa billi jżidu l-kapaċità tal-ġenerazzjoni disponibbli.

L-enerġija nukleari hija komponent importanti tad-dekarbonizzazzjoni, tal-kompetittività industrijali, u tal-istrategġija tas-sigurtà tal-provvista. Kważi nofs l-Istati Membri għandhom l-enerġija nukleari fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali tagħhom. Il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima²⁹ aġġornati jindikaw li l-kapaċità nukleari installata hija mistennija li tiżdied. L-impjanti tal-enerġija nukleari jipprovdu enerġija nadifa, adatta għat-titjib tal-integrazzjoni tas-sistema u jipprovdu flessibilità li tiffaċilita l-introduzzjoni ulterjuri ta' teknoloġiji nodfa oħrajn. Dawn il-benefiċċji jakkumulaw għas-sistema tal-enerġija kollha tal-UE. Reatturi modulari żgħar ġodda³⁰ jew l-evitar tal-irtirar prematur³¹ tal-kapaċità nukleari eżistenti jistgħu jgħinu biex titnaqqas il-ħtieġa tal-użu tal-fjuwils fossili, inkluż fit-tiżhin distrettwali u fil-proċessi industrijali. Kif ivvalutat fl-Istrategġija PINC, hemm ukoll potenzjal sfruttat fir-rigward tal-impjanti tal-enerġija nukleari eżistenti³².

²⁵ Il-ġenerazzjoni solari hija waħda mill-aktar sorsi affordabbli ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u għandha potenzjal kbir ħafna ta' varar, bħal fil-bini residenzjali inkluż fil-gallariji, fit-toroq u f'bini kummerċjali fuq skala kbira,

²⁶ Mill-2021 'l hawn, l-UE installat madwar 260 GW ta' kapaċità rinnovabbli (204 GW ta' sistemi solari fotovoltaiċi u 57 GW ta' enerġija eolika), li wassal għal iffrankar tal-gass għall-ġenerazzjoni ekwivalenti għal madwar 15 bcm fl-2025 (jew madwar 5 % tal-importazzjonijiet annwali tal-UE).

²⁷ L-Istati Membri kollha għandhom ikunu diġà ttrasponew u implimentaw ir-rekwiżiti kollha għall-ħruġ tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura relatata skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija, u b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (inklużi ż-Żoni ta' Aċċellerazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli, l-interess pubbliku prevalenti favur proġetti rinnovabbli, u skadenzi iqsar għall-ħruġ tal-permessi għar-repowering ta' dawk eżistenti). Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, l-Istati Membri għadhom fil-proċess li jadottaw u jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali lill-Kummissjoni.

²⁸ F'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, inklużi skadenzi iqsar għaż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli, filwaqt li ż-żminijiet meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' proġetti kumplessi ħafna bħal xi proġetti lil hinn mill-kosta jistgħu jkun itwal.


²⁹ [Valutazzjoni madwar l-UE tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima aġġornati finali](#), COM(2025) 274 final.

³⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar [Strategġija għall-iżvilupp u l-varar ta' Reatturi Modulari Żgħar](#) (SMRs, Small Modular Reactors) fl-Ewropa, COM/2026/117 final.

³¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar [Programm Indikattiv Nukleari](#) ppreżentat skont l-Artikolu 40 tat-Trattat Euratom – Finali (wara l-opinjoni tal-KESE), COM/2026/120 final.

³² Skont il-pjanijiet nazzjonali, jekk l-Istati Membri jestendu t-tul tal-ħajja tar-reatturi eżistenti għal 70 jew saħansitra għal 80 sena, u l-proġetti ta' bini ġdid jitlestew kollha fil-ħin, il-kapaċità installata tista' tilħaq 144 GWe fl-2050.

Il-kriżi attwali hija wkoll sejħa għall-aċċellerazzjoni tal-elettrifikazzjoni³³ biex jintemm l-esponiment għax-xokkijiet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili u d-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet. Fl-2024, 71 % tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE ġiet minn sorsi ta' enerġija nadifa³⁴, u b'hekk wasslu enerġija rħisa fis-sistema. Minkejja dan, l-elettriku jirrappreżenta inqas minn kwart tal-konsum finali tal-enerġija³⁵. Sabiex jiġu żgurati l-affordabbiltà tal-enerġija u l-kompetittività industrijali billi jitwasslu l-benefiċċji tal-enerġija nadifa u tal-enerġija rinnovabbli lill-konsumaturi u billi tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, aktar domanda għall-enerġija (trasport, bini, industrija, eċċ.) jeħtieġ li tibdel mill-fjuwils fossili għall-elettriku.



Illustrazzjoni 1. Korrelazzjoni bejn it-taħlitiet ta' enerġija nadifa u l-affordabbiltà tal-elettriku (bejgħ bl-ingrossa 2025 – xellug; bejgħ bl-immnut industrijali SI 2025 – lemin) [Sors: DĠ ENER]

L-elettrifikazzjoni għandha tixpruna wkoll lill-manifattura domestika tal-UE ta' teknoloġiji nodfa, eż. pompi tas-sħana residenzjali u industrijali. L-istimi tal-industrija jindikaw li aktar minn żewġ terzi tal-pompi tas-sħana installati fl-Ewropa huma prodotti fl-Ewropa³⁶. B'ċarezza dwar id-domanda potenzjali, il-manifatturi se jkollhom inċentiv akbar biex iżidu l-kapaċità fl-UE u jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet.

L-irduppar tal-kapaċità installata tal-pompi tas-sħana kummerċjali u residenzjali jnaqqas il-konsum tal-fjuwils fossili b'200 TWh³⁷. Barra minn hekk, is-sistemi tat-tiħin u tat-tkessiħ distrettwali huma xprunaturi effiċjenti għall-aċċellerazzjoni tal-elettrifikazzjoni. Dawn għandhom il-potenzjal li jipprovdu l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda dejjem aktar meħtieġa fis-sistema tal-elettriku, permezz ta' pompi tas-sħana kbar, bojlers elettriċi u ħżin termali u

³³ Rata ta' elettrifikazzjoni ta' 23,4 % fl-2024. Il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli introduċew indikatur ewlieni tal-prestazzjoni dwar is-sehem tal-elettriku fil-konsum finali tal-enerġija, li bħala referenza ġie stabbilit għal 32 % sal-2030.

³⁴ <https://ec.europa.eu/eurostat/web/interactive-publications/energy-2026?etrans=mt>.

³⁵ L-Eurostat

³⁶ L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Pompi tas-Sħana (EHPA), [Heat pumps made in Europe](#).

³⁷ Dan l-iffrankar jammonta għal madwar 8 % tal-konsum attwali tal-enerġija għat-tiħin tal-post fil-bini.

jiffaċilitaw l-irkupru tas-sħana mormija. Espansjoni ambizzjuża tan-network tas-sħana tista' twassal għal iffrankar sinifikanti tal-gass naturali³⁸.

Qasam ieħor essenzjali biex tiżdied l-elettrifikazzjoni tal-ekonomija huwa t-trasport. Lil hinn mill-inċentivi għall-promozzjoni tat-tkabbir tal-bejgħ ta' vetturi elettriċi, infrastruttura suffiċjenti tal-irriċarġjar hija essenzjali għall-adozzjoni tagħhom. Filwaqt li fl-aħħar 5 snin l-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-karozzi u l-vannijiet kibret b'mod sinifikanti aktar malajr mill-flotta tal-vetturi elettriċi, l-infrastruttura tal-irriċarġjar għat-trakkijiet għadha nieqsa³⁹.

Iż-żieda fis-sehem tal-enerġija termali solari mhux biss fil-bini iżda wkoll fis-sistemi tat-tiħin u tat-tkessiħ distrettwali, permezz tar-repowering tal-installazzjonijiet termali solari eżistenti u billi jinbdew proġetti ġodda, inkluż għall-ħżin termali, tista' tipproduċi ffrankar sinifikanti tal-enerġija. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-industrija, speċjalment fis-settur tal-ikel u x-xorb, is-settur tas-sustanzi kimiċi (speċjalment għar-rekwiżiti tas-sħana tul il-proċess sa madwar 400 °C) u l-agrikoltura, bħas-serer.

L-enerġija ġeotermali tista' tissostitwixxi wkoll il-gass naturali fin-networks tat-tiħin u tat-tkessiħ distrettwali u, f'xi każijiet, tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tal-elettriku⁴⁰. Għalhekk huwa importanti li jiġi appoġġat il-varar rapidu ta' proġetti ġeotermali ġodda u li jiġi esplorat il-potenzjal li l-installazzjonijiet eżistenti jingħataw l-enerġija mill-ġdid. Il-pompi tas-sħana industrijali jistgħu jipprovdu sħana tul il-proċess tipikament sa madwar 200 °C jew jaġġornaw is-sħana b'temperatura baxxa, u b'hekk jippermettu żieda fl-irkupru tas-sħana mormija fl-industrija u fis-sistemi tat-tiħin u tat-tkessiħ distrettwali.

Il-bijogass u l-bijometan jista' jkollhom ukoll rwol aktar strateġiku fis-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili importati, b'mod partikolari fis-setturi fejn l-elettrifikazzjoni hija aktar diffiċli. Il-produzzjoni tal-bijometan fl-impjanti eżistenti tista' tiżdied b'madwar 10 % sa 30 %. Il-proġetti tal-bijometan kooperattivi u fl-azjendi agrikoli jistgħu jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili filwaqt li jipprovdu introjtu addizzjonali għall-bdiewa u joħlqu valur lokali, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, billi jikkonvertu l-iskart, ir-residwi u d-demel f'enerġija u fertilizzanti. Fl-aħħar nett, is-soluzzjonijiet ċirkolari għall-bijogass, għall-bijometan u għannutrijenti riċiklati jistgħu jsaħħu r-reżiljenza, jgħinu l-kompetittività u jnaqqsu l-esponiment għal xokkijiet fil-prezzijiet globali.

Fl-aħħar nett, peress li ż-żieda tal-idroġenu għadha kajmana, l-UE għandha tappoġġa l-aċċellerazzjoni tal-bdil tal-industrija għal fjuwils dekarbonizzati, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-utenti kollha tal-elettriku u timminimizza l-kost tal-elettriku.

Azzjoni immedjata mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri:

- [Q2 2026] *Il-Kummissjoni se tieħu azzjoni dwar l-elettrifikazzjoni, it-tiħin u t-tkessiħ u l-enerġija ġeotermali. Il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, se tistabbilixxi mira tal-*

³⁸ Mathiesen *et al.* (2023), [Heat matters: The missing link in REPowerEU](#)

³⁹ Barra minn hekk, il-konverżjoni tad-depots għall-flotot tal-karozzi tal-linja u għall-flotot tat-trakkijiet b'emissjonijiet zero sħaħ tibqa' sfida konsiderevoli ta' investment għal ħafna bliet u operaturi.

⁴⁰ Ember tistma li t-teknoloġiji ġeotermali tal-ġenerazzjoni li jmiss jistgħu jwasslu sa 301 TWh fis-sena fl-UE, ekwivalenti għal madwar 42 % tal-ġenerazzjoni attwali tal-faħam u tal-gass. [Geothermal energy in Europe](#), Frar 2026, Ember

elettrifikazzjoni, se tipproponi azzjoni biex tnaqqas il-proporzjon tal-prezz tal-elettriku mal-fjuwils fossili u miżuri biex taċċellera l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-elettrifikazzjoni, bħal permezz ta' strument ibbażat fuq is-suq dwar il-pompi tas-sħana, u se tindirizza l-ostakli fis-setturi industrijali, tat-trasport⁴¹ u tal-bini kif ukoll l-ostakli transsettorjali għall-elettrifikazzjoni tal-ekonomija. Dan jinkludi l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, li jimminaw il-kompetittività relattiva tal-elettriku fil-konfront ta' vetturi oħra tal-enerġija.

- [Minn Mejju 2026 'il quddiem] **Fir-rigward tal-enerġija ġeotermali**, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fil-ġbir ta' data ġeoloġika dettaljata u se toħloq **bażi tad-data fil-livell tal-UE**. Il-Kummissjoni se tesplora wkoll l-appoġġ għall-istabbiliment ta' **skemi ta' tneħħija tar-riskji ġeotermali u skemi ta' assigurazzjoni** flimkien ma' finanzjaturi pubbliċi, inklużi banek promozzjonali nazzjonali, biex jitnaqqas ir-riskju tal-investiment u jiġi mobilizzat aktar il-kapital privat. Skont l-inizjattiva Global Gateway, il-Kummissjoni hija impenjata li tippromwovi, fost l-oħrajn, **il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-proġetti tal-enerġija ġeotermali** fejn rilevanti.
- [Minn Mejju 2026 'il quddiem] **Dwar l-enerġija termali solari**, flimkien mal-Koalizzjoni għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika, il-Kummissjoni se tgħin fl-iżvilupp ta' skemi ta' appoġġ pubbliku għall-adozzjoni ta' **proġetti termali solari fuq skala kbira**.
- [Mill-2026 'il quddiem] **Dwar il-bijometan**, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa inizjattivi biex tavanza l-produzzjoni ta' molekuli gassużi ta' oriġini mhux fossili, inkluż il-bijogass u l-bijometan sostenibbli f'konformità mar-REPowerEU⁴² inkluż proġetti tal-bijogass u tal-bijometan kooperattivi u fl-azjendi agrikoli⁴³; filwaqt li tqis bir-reqqa ż-żieda fl-impjanti eżistenti, tnaqqas l-ostakli fil-ħruġ tal-permessi u ttejjeb it-trasport ta' materja prima sostenibbli fir-reġjuni kollha.
- [Q2 2026] **Wara valutazzjoni u minħabba ż-żieda aktar bil-mod milli mistenni fis-suq tal-idroġenu**, il-Kummissjoni se tipproponi **rieżami mmirat tal-kriterji tal-produzzjoni għall-idroġenu rinnovabbli, filwaqt li tissalvagwardja l-investimenti eżistenti**. Dan se jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali u se jaċċellera l-iżvilupp ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Elettrosostenibbli (eSAF) u Fjuwils Marittimi Elettrosostenibbli (eSMF) ibbażati fuq l-idroġenu. Il-Kummissjoni se tkompli tiċċara l-metodoloġiji applikabbli għall-proċessi li jiddependu kemm fuq l-idroġenu rinnovabbli kif ukoll fuq il-bijomassa bħala materja prima bil-ħsieb li tiffaċilita l-produzzjoni tal-eSAF filwaqt li tissalvagwardja kundizzjonijiet ekwi u żżomm kriterji ambizzjużi ta' sostenibbiltà, inklużi l-addizzjonalità, il-kontabbiltà akkurata tal-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-evitar tal-għadd doppju. Sat-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjoni pubblika dwar abbozz ta' metodoloġija li tiddeskrivi l-kriterji għall-introduzzjoni potenzjali ta' approċċi alternattivi għar-rikonossiment tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-impjanti tal-enerġija nukleari.
- [Sas-sajf tal-2026] Il-Kummissjoni se **timmappa l-kapaċitajiet Ewropej biex tikkomplementa ż-żejt u l-gass bħala materja prima** għas-sustanzi kimiċi, iċ-ċeramika, il-ħġieġ, il-plastik u l-fertilizzanti **b'materjali ċirkolari u b'bażi bijoloġika** u se taħdem

⁴¹ Inklużi l-vetturi heavy-duty.

⁴² [Il-Pjan direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa](#), COM(2025) 440 final

mal-industrija biex tidentifika u tindirizza l-ostakli għall-varar tagħhom fuq terminu qasir.

3.2 It-tisħiħ tas-sistema tal-enerġija tagħna

Kif qed turi din il-kriżi, l-aġġornament u t-trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tagħna ma għadhomx kwistjoni ta' ambizzjoni, iżda ta' neċessità assoluta għar-reżiljenza. Biex jinkisbu bis-sħiħ il-benefiċċji, huwa indispensabbli li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod rapidu u komplet l-*acquis* tal-UE dwar l-enerġija u li l-koleġżlaturi jaċċelleraw in-negozjati dwar il-pakkett dwar il-grilji tal-UE. Dan se jħaffef it-twertiq ta' proġetti, inklużi proġetti ta' interess komuni (PCIs) u proġetti ta' interess reċiproku (PMIs), filwaqt li jiddefinixxi approċċ flessibbli għall-introjtu mill-konġestjoni domestika li jirriżulta minn żoni tal-offerti interni li jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali. Il-grilji huma meħtieġa biex jippermettu l-fluss tal-enerġija bl-aktar prezz baxx minn fejn jiġi prodott sa fejn jiġi kkunsmat. Iż-żieda fil-varar tal-infrastruttura tal-elettriku transfruntiera hija meħtieġa biex tintlaħaq il-mira indikattiva tal-UE ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' mill-inqas 15 % sal-2030, u b'hekk tiġi żgurata Unjoni tal-Enerġija ġenwina.

L-inizjattiva tal-Awtostradi tal-Enerġija hija mmirata lejn tmien kurituri prijoritarji, li jindirizzaw l-aktar ħtiġijiet urġenti tal-infrastruttura tal-enerġija li jirrikjedu appoġġ u impenn rapidu ulterjuri, sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ostakli li jfixklu l-progress. Dawn jeħtieġ li jiġu aċċellerati. Fejn ikun hemm bżonn, jistgħu jitqiesu Awtostradi tal-Enerġija addizzjonali fil-futur. L-azzjoni biex isir użu aktar effiċjenti u flessibbli tal-grilji, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni u biex tittejjeb il-produttività tal-grilji se tnaqqas ukoll il-kostijiet b'mod sinifikanti u se tgħin biex tirdoppja l-proċess tal-elettrifikazzjoni ta' diversi setturi, inkluż it-tisħin u t-tkessiħ.

L-interkonnettività, il-grilji intelliġenti, l-aċċess għall-grilji u l-produttività tal-grilji huma wkoll prerekwiżiti għal ħafna fornituri tas-servizzi, flimkien mal-miters intelliġenti, li jgħinu lill-konsumaturi jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom jew jirreaġixxu għas-sinjali tal-prezzijiet billi jaġġustaw id-domanda. Il-varar mifrux ta' miters intelliġenti huwa essenzjali biex jiġi sfruttat ir-rispons tad-domanda fuq skala kbira u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq tal-flessibbiltà, u b'hekk jitnaqqsu d-domanda massima u l-volatilità tal-prezzijiet. Dan huwa appoġġat minn assi bħall-batteriji, il-vetturi elettriċi u l-pompi tas-sħana, kif ukoll minn proċessi bħas-sistemi ta' ġestjoni u s-soluzzjonijiet mill-vettura għall-grilja u l-awtomatizzazzjoni xprunata mill-IA. Sabiex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema u jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija fuq livell reġjonali u domestiku, kull Stat Membru għandu jvara miters intelliġenti biex ikopri mill-inqas 50 % tal-konsumaturi finali tiegħu sal-2031. Dan jimxi id f'id mal-istrutturi tal-prezzijiet li jħeġġu l-użu ta' servizzi ta' flessibbiltà u ta' ħżin biex l-enerġija nadifa tiġi integrata u tkun ta' benefiċċju aħjar.

Biex tinbena sistema tal-enerġija reżiljenti bbażata fuq sorsi ta' enerġija nadifa prodotta lokalment, huwa kruċjali li jkunu disponibbli l-kapaċitajiet tal-ħżin tal-elettriku u termali kif ukoll il-flessibbiltà, inklużi l-batteriji u l-idroenerġija ppumpjata. L-UE bħalissa għandha kapaċità ta' ħżin ta' 55 GW u jeħtieġ li tespandi din il-kapaċità b'mod sinifikanti biex tilħaq 200 GW sal-2030, fejn il-batteriji se jkollhom rwol importanti f'tali tkabbir. Għal dan l-għan, l-appoġġ politiku għal tali proġetti li diġà jinsabu fil-fażi tal-ippjanar huwa essenzjali.

Azzjoni immedjata:

- [Sa Lulju 2026] *Il-Kummissjoni tappella u se tappoġġa lill-koleġiżlaturi fil-konklużjoni tan-negozjati tagħhom dwar il-pakkett dwar il-grilji sas-sajf. Dan huwa indispensabbli biex tiġi aċċellerata l-introduzzjoni tal-proġetti u tal-ħżin tal-enerġija rinnovabbli tant meħtieġa, inklużi batteriji fuq skala kbira, u biex tiġi aġġornata l-infrastruttura tal-grilja u b'hekk jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u d-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet.*
- [Q2-Q3 2026] *Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tħaffef l-implimentazzjoni tal-**inizjattiva tal-Awtostradi tal-Enerġija**. Filwaqt li tibni fuq il-progress li diġà sar fil-Gżira tal-Enerġija ta' Bornholm, il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-impenn politiku, tiddedika r-riżorsi u timmobilizza l-ġħodod kollha disponibbli biex issaħħaħ l-oqfsa ta' investment u tegħleb l-ostakli, inkluż billi tindirizza l-ostakli li fadal li jfixxlu l-introduzzjoni rapida ta' tali proġetti.*
- [Minn Mejju 2026 'il quddiem]: *Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati (pereżempju fit-Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija u fil-Gruppi ta' Livell Għoli reġjonali) biex jidentifikaw l-impjanti tal-**ġenerazzjoni tal-elettriku**, inklużi l-parks eoliċi, li huma qrib iċ-ċiklu ta' tmiem il-ħajja u l-installazzjonijiet li jistgħu jingħataw l-enerġija mill-ġdid biex jgħinu jħaffu ż-żieda fil-provvista tal-elettriku **fix-xhur li ġejjin**. Huma se jivvalutaw ukoll kif jistgħu jkomplu jżidu l-varar tal-enerġija rinnovabbli.*
- [Mejju 2026] *Il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri, billi tipprovdi appoġġ permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku permezz ta' **Akkademja tar-Regolamentazzjoni tal-Enerġija, fl-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin fis-settur tal-elettriku**.*
- [Mejju 2026] *Il-Kummissjoni se tadotta **proposta legali dwar it-tariffi tan-network u t-tassazzjoni**. L-għan se jkun li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija aktar elettrifikata, aktar effiċjenti u aktar reżiljenti li tista' tnaqqas il-kontijiet tal-elettriku għall-konsumaturi kollha. Il-proposta se tipprovdi inċentivi biex isir użu ottimali u kosteffettiv tal-infrastruttura tal-grilja, se tinċentiva l-konsum favur is-sistema, se tiċċara l-qafas biex l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkun jistgħu jagħmlu tnaqqis immirat fit-tariffi tan-network inkluż għall-industriji intensivi fl-enerġija u se tippermetti lill-Istati Membri jneħħu r-restrizzjonijiet għat-tnaqqis tat-taxxi fuq l-enerġija għal utenti speċifiċi, bħall-industriji intensivi fl-enerġija u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, filwaqt li tiżgura li l-elettriku jiġi intaxxat inqas mill-gass.*
- [2026–2027] *Il-Kummissjoni se tiżgura **monitoraġġ strett tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE** bl-użu tal-ġħodod kollha disponibbli, inkluż **il-ksur**, pereżempju dwar il-ħruġ tal-permessi, il-ħżin, il-flessibbiltà u l-massimizzazzjoni tal-kapaċità transzjonali, biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija nadifa. Biex taċċellera l-progress, se tħaffef il-valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin, se tipprovdi **gwida pramatika dwar l-implimentazzjoni**, inkluż permezz ta' **rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni**, u se tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw applikazzjoni armonizzata u konsistenti madwar l-UE.*

3.3 Xprunar tal-investment

Ir-rispons tal-UE għall-kriżi attwali tal-enerġija jiddependi mill-ixprunar tal-investment. Irridu **nimmobilizzaw il-fondi pubbliċi — fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali — biex nikkatalizzaw u nżidu l-investment privat.** L-antiċipazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-investment fit-tranżizzjoni tal-enerġija u f'soluzzjonijiet ċirkolari llum se jtemmu darba għal dejjem iċ-ċiklu tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Qed jiġu varati riżorsi sinifikanti fil-livell tal-UE għat-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż matul il-medda finali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (EUR 219 biljun). Il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza diġà jinkludu bosta riformi u investimenti li qed jgħinu lill-Istati Membri jaġġornaw is-sistemi tal-enerġija tagħhom. Dawn għandhom jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026 f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fl-arkitettura legali tagħha⁴³. Mill-2021 'l hawn, il-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi tal-FNE impenjat aktar minn EUR 2 biljun għal proġetti li jvaraw infrastruttura rilevanti tal-irriċarġjar u tar-riforniment għall-fjuwils alternattivi għall-modi kollha tat-trasport. L-FNE għall-Enerġija se tappoġġa proġetti transfruntiera tal-infrastruttura tal-enerġija u proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli b'5,84 biljun bejn l-2021 u l-2027.

Il-politika ta' koeżjoni tippovdi wkoll appoġġ sinifikanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Ir-rieżami reċenti ta' nofs it-terminu tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni alloka mill-ġdid madwar EUR 1,2 biljun għall-prijoritajiet tal-enerġija, li issa jistgħu jikkontribwixxu għar-rispons għall-kriżi attwali.

Appoġġ konsistenti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa mmobilizza kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat għat-tranżizzjoni, inkluż fiż-żieda ta' teknoloġiji innovattivi, u b'hekk ipproduċa soluzzjonijiet li issa huma ttestjati, affidabbli u diġà varati fis-suq. Għal dawk fil-proċess li jilhqgħu skala wiesgħa, huma meħtieġa azzjoni u appoġġ ikkoordinati kontinwi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-finanzjament pubbliku u jiġi aċċellerat il-varar.

Madankollu, il-flus pubbliċi waħedhom ma jistgħux ikopru l-ħtiġijiet sinifikanti ta' investment (stmati għal EUR 660 biljun fis-sena sal-2030) għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Biex timmobilizza l-investment privat⁴⁴ — inkluż minn investituri istituzzjonali bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet li jimmaniġġjaw aktar minn EUR 12-il triljun fl-UE, bil-potenzjal li jidderieġu investimenti ulterjuri għal proġetti kritiċi ta' tranżizzjoni tal-enerġija — il-Kummissjoni adottat Strateġija għall-Investment fl-Enerġija Nadifa f'Marzu 2026.

⁴³ Bħala strument imfassal biex jindirizza l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni, appoġġat minn mezzi addizzjonali straordinarji u temporanji, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) inħolqot b'limiti ta' żmien stretti ħafna li ma jistgħux jiġu derogati, billi huma stabbiliti fir-Regolament EURI, fir-Regolament RRF u fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji.

⁴⁴ Il-banek u d-ditti tal-assigurazzjoni huma inċentivati biex iżidu l-investimenti tagħhom skont l-oqfsa tal-programm leġiżlattiv, li jagħmluha aktar faċli li jsir investment fl-ekwità f'oqfsa li huma kruċjali għall-kompetittività u s-sigurtà ekonomika fit-tul tal-Ewropa, inkluż is-settur tal-enerġija.

Il-qafas tal-għajnuna mill-Istat se jippermetti wkoll lill-Istati Membri jappoġġaw investimenti strateġiċi fl-infrastruttura tal-enerġija u fit-teknoloġiji nodfa filwaqt li jippreservaw kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern⁴⁵.

Azzjoni immedjata:

- [Q2 – Q3 2026] *Il-Kummissjoni se torganizza **Summit dwar l-Investment fl-Enerġija Nadifa** li jlaqqa' flimkien l-industrija tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri istituzzjonali ewlenin, il-mexxejja industrijali, l-iżviluppaturi tal-proġetti u l-finanzjaturi pubbliċi biex jaċċelleraw il-finanzjament privat. Is-Summit se **jimmira lejn soluzzjonijiet immedjati u b'impatt għoli** bħall-ħżin inklużi l-batteriji, l-infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi, l-elettrifikazzjoni, jew il-fjuwils tal-avjazzjoni u marittimi sostenibbli.*
- [Minn April 2026 'il quddiem] *Il-Kummissjoni se **tikkoordina eżerċizzju tal-UE** (il-kapitolu dwar l-investment ta' AccelerateEU) **biex tagħti s-setgħa u tassisti lill-Istati Membri**, inkluż permezz ta' gruppi ta' esperti tal-Istati Membri, **biex jagħmlu użu massimu mill-finanzjament disponibbli tal-UE** (eż. mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni) u **jallokaw mill-ġdid il-fondi tal-UE fejn fattibbli u f'konformità mal-preferenzi tal-Istati Membri u tar-reġjuni għal investimenti relatati mal-enerġija** li jistgħu jħallu impatt rapidu u jtaffu l-effetti taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, pereżempju billi:*
 - A) *Iżidu l-miżuri eżistenti biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, l-introduzzjoni ta' enerġija nadifa (eż. pompi tas-sħana, sistemi solari fotovoltajċi, iżolament, riħ jew batteriji), is-soluzzjonijiet ċirkolari u l-investment f'infrastruttura kritika tal-enerġija aktar b'saħħitha u aktar sikura, kif ukoll biex tiġi promossa l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u l-produzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni u marittimi sostenibbli.*
 - B) *Jintroduċu żidiet għall-miżuri eżistenti jew l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, eż. miżuri biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, bħala żieda mal-miżuri eżistenti tal-effiċjenza enerġetika; jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-enerġija solari fotovoltajka għall-agrivoltajċi; jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-ħruġ tal-permessi aċċellerat u ssimplifikat.*
 - C) *Jaċċelleraw it-twettiq tal-miżuri rilevanti fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, billi jagħmlu użu tajjeb mill-indikaturi pprovduti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "NextGenerationEU – il-mixja lejn l-2026", inkluża l-possibbiltà li jiġi injettat kapital f'banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali.*
- [Minn April 2026 'il quddiem]: ***Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġu ssimplifikati r-regoli ħalli jiġi aċċellerat il-varar tal-fondi tal-UE għall-investment fit-tranżizzjoni tal-enerġija.***

⁴⁵ Ġew adottati 18-il deċiżjoni skont is-CISAF li jappoġġaw it-teknoloġija nadifa u l-baġit sal-14 ta' April 2026, li approvaw 19-il miżura ta' għajnuna mill-Istat għal baġit totali ta' EUR 32,76 biljun. Minn dawn, 4 miżuri li jammontaw għal baġit ta' EUR 20,22 biljun ġew approvati taħt it-taqsimha 4.1 dwar l-enerġija rinnovabbli. Miżura waħda (baġit ta' EUR 608,5 miljun) ġiet approvata taħt it-taqsimha 5 dwar id-dekarbonizzazzjoni industrijali. Fl-aħħar nett, ġew approvati 14-il miżura taħt it-taqsimha 6.1 dwar il-kapaċità tal-manifattura f'teknoloġiji nodfa (baġit ta' madwar EUR 11,93 biljun). Barra minn hekk, fl-istess perjodu, il-Kummissjoni approvat 7 miżuri ta' għajnuna għad-dekarbonizzazzjoni industrijali skont il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Klima, għall-Ħarsien tal-Ambjent u għall-Enerġija (CEEAG) għal baġit totali ta' EUR 6,8 biljun.

- **[Sa Lulju 2026]** *Il-Kummissjoni se tadotta proposta leġiżlattiva biex taġġorna u timmodernizza s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Il-Kummissjoni dalwaqt se tikkonsulta lill-Istati Membri dwar l-aġġornament tal-parametri referenzjarji tal-ETS. Dan se jikkomplementa l-bidliet diġà proposti għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq biex tiġi xprunata l-qawwa tagħha. Bħala parti mir-rieżami, il-Kummissjoni se żżid ukoll l-appoġġ finanzjarju disponibbli għall-industrija għat-tranżizzjoni tagħhom lejn enerġija nadifa permezz tal-Bank għad-De karbonizzazzjoni Industrijali, filwaqt li timmobilizza EUR 100 biljun ta' finanzjament. Sabiex jiġi żgurat varar bikri, dan se jinkludi Spinta għall-Investment iffinanzjata minn 400 miljun kwota tal-EU ETS li tippermetti l-ħeffa u s-solidarjetà, bl-għan li tissaħħaħ iċ-ċertezza tal-investment biex jiżdied l-investment fid-dekarbonizzazzjoni mill-industriji tal-UE intensivi fl-enerġija. F'dan il-kuntest, biex tiġi żgurata s-solidarjetà, l-Istati Membri b'introjtu aktar baxx se jkollhom aċċess garantit għall-appoġġ ta' Spinta għall-Investment tal-ETS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tqis ukoll li testendi l-appoġġ tal-ETS SAF f'termini ta' volum u durata għall-avjazzjoni u se tesplora mekkaniżmu analogu għall-SMF prodott fl-UE.*
- **[Minn April 2026 'il quddiem]:** *Il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri li jixtiequ jesploraw l-użu tad-dħul mill-EU ETS għal miżuri mmirati li jimmobilizzaw u jaċċelleraw l-investimenti fl-elettrifikazzjoni — bħal fit-trasport jew fit-tiżnin — id-dekarbonizzazzjoni industrijali, f'applikazzjonijiet downstream ċirkolari u l-investimenti li jgħinu biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku inkluż permezz ta' żieda fil-kapaċità tal-elettriku rinnovabbli, dment li l-investimenti jikkontribwixxu għall-elettrifikazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni industrijali tal-unitajiet domestiċi⁴⁶. Il-Kummissjoni tkompli tteġġeg lill-Istati Membri jesploraw tali allokkazzjonijiet tad-dħul mill-ETS.*
- **[Minn April 2026 'il quddiem]:** *Il-Kummissjoni se taħdem mal-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Enerġija biex tiżviluppa prodotti finanzjarji standardizzati għal tiżnin nadif u rinnovazzjoni u se tiżviluppa u tippromwovi mudelli ġodda ta' negozju tas-servizzi tal-enerġija li jipprovdu appoġġ dirett għall-SMEs biex jintroduċu soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u tal-elettrifikazzjoni.*
- **[Minn April 2026 'il quddiem]:** *Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fil-Koalizzjoni tal-Pijunieri tal-eSAF fl-organizzazzjoni tal-irkant doppju mħabbar ta' EUR 2 biljun fuq l-eSAF u se tteġġeg parteċipazzjoni ulterjuri mill-Istati Membri.*

⁴⁶ L-appoġġ għall-investimenti industrijali jista' jitfassal f'konformità mat-Taqsima 4.5 tal-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa (CISAF), iżda biss jekk 100 % tad-dħul mill-ETS jintuża għal investimenti fid-dekarbonizzazzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità.